**Emenda 1**
**Tania González Peñas, Kateřina Konečná, Fabio De Masi, Curzio Maltese, Xabier Benito Ziluaga, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Miguel Urbán Crespo, Merja Kyllönen, Martina Michels, Dennis de Jong, Barbara Spinelli, Gabriele Zimmer, Paloma López Bermejo, Jiří Maštálka**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0254/2016**
**Markus Ferber**
Applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali
2016/2010(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi, skont l-istimi tal-Kummissjoni, is-settur postali għadda minn telf nett ta' impjiegi matul dawn l-aħħar 10 snin, filwaqt li l-forom ta' impjieg prekarji u mħallsa ħażin żdiedu b'mod sostanzjali;*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Tania González Peñas, Fabio De Masi, Curzio Maltese, Xabier Benito Ziluaga, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Miguel Urbán Crespo, Merja Kyllönen, Martina Michels, Dennis de Jong, Gabriele Zimmer, Jiří Maštálka**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0254/2016**
**Markus Ferber**
Applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali
2016/2010(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jitlob lill-Kummissjoni tiffaċilita u ssaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-interoperabbiltà fil-konsenja transfruntiera u biex tissorvelja l-attivitajiet regolatorji tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali — inkluż il-forniment ta' servizzi universali — sabiex tiżgura approċċ uniformi mal-applikazzjoni tad-dritt Ewropew u ***l-armonizzazzjoni tas-suq*** postali fi ħdan l-UE; | 5. Jitlob lill-Kummissjoni tiffaċilita u ssaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali sabiex tiżdied l-effiċjenza u l-interoperabbiltà fil-konsenja transfruntiera u biex tissorvelja l-attivitajiet regolatorji tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali — inkluż il-forniment ta' servizzi universali — sabiex tiżgura approċċ uniformi mal-applikazzjoni tad-dritt Ewropew u ***l-interoperabbiltà sħiħa tan-networks*** postali fi ħdan l-UE; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 3**
**Tania González Peñas, Kateřina Konečná, Fabio De Masi, Curzio Maltese, Xabier Benito Ziluaga, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Miguel Urbán Crespo, Merja Kyllönen, Martina Michels, Dennis de Jong, Barbara Spinelli, Gabriele Zimmer, Jiří Maštálka**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0254/2016**
**Markus Ferber**
Applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali
2016/2010(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Ifakkar li s-servizz universali jeħtieġ jevolvi b'rispons għall-ambjent tekniku, ekonomiku u soċjali u għall-ħtiġiet tal-utenti, u li d-Direttiva tas-Servizzi Postali tagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet lokali u biex tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-forniment tas-servizz universali; | 9. Ifakkar li s-servizz universali jeħtieġ jevolvi b'rispons għall-ambjent tekniku, ekonomiku u soċjali u għall-ħtiġiet tal-utenti, u li d-Direttiva tas-Servizzi Postali tagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet lokali u biex tkun żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-forniment tas-servizz universali; ***jemmen li servizz universali ta' kwalità għolja jmur id f'id ma' impjiegi ta' kwalità għolja;*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Tania González Peñas, Fabio De Masi, Curzio Maltese, Xabier Benito Ziluaga, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Miguel Urbán Crespo, Merja Kyllönen, Martina Michels, Dennis de Jong, Gabriele Zimmer, Jiří Maštálka**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A8-0254/2016**
**Markus Ferber**
Applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali
2016/2010(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden ***lill-Kummissjoni ttejjeb*** id-definizzjoni attwali ta' servizz universali sabiex ***jiġi stipulat*** livell minimu garantit ta' servizz għall-konsumaturi, ***tagħmel*** l-obbligu ta' servizz universali adatt għal swieq li qed jevolvu, ***biex tqis il-bidliet*** fis-suq fi Stati Membri differenti u ***biex tħeġġeġ it-tkabbir*** ekonomiku u l-koeżjoni soċjali; isostni, madankollu, peress li kull suq għandu l-limitazzjonijiet speċifiċi tiegħu, li l-operaturi għandhom jingħataw marġni ta' flessibbiltà fl-organizzazzjoni tas-servizz universali; ***Jistieden*** lill-Istati Membri jimplimentaw proċeduri ta' liċenzjar skont id-Direttiva attwali u jarmonizzaw aktar il-proċeduri ta' liċenzjar u/jew notifika sabiex jitnaqqsu l-ostakli mhux ġustifikati għad-dħul fis-suq intern, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa; | 17. Jistieden ***lill-Istati Membri jirrispettaw għalkollox*** id-definizzjoni attwali ta' servizz universali sabiex ***jiżguraw*** livell minimu garantit ta' servizz għall-konsumaturi, ***jagħmlu*** l-obbligu ta' servizz universali adatt għal swieq li qed jevolvu, ***iqisu l-bidliet*** fis-suq fi Stati Membri differenti u ***jħeġġu t-tkabbir*** ekonomiku u l-koeżjoni soċjali; isostni, madankollu, peress li kull suq għandu l-limitazzjonijiet speċifiċi tiegħu, li l-operaturi għandhom jingħataw marġni ta' flessibbiltà fl-organizzazzjoni tas-servizz universali; ***Jistieden*** lill-Istati Membri jimplimentaw proċeduri ta' liċenzjar skont id-Direttiva attwali u jarmonizzaw aktar il-proċeduri ta' liċenzjar u/jew notifika sabiex jitnaqqsu l-ostakli mhux ġustifikati għad-dħul fis-suq intern, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa; |

Or. en